**4 ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

John Andrea Bonnici

*versus*

Wisq Reverendu Dun Giuseppe Cauchi noe

**Proċedura — Xhud — Xhieda — Ammissibilità ta' — "Hearsay".**

*Każ f'liema parti mix-xhieda tal-konvenut ġiet eskluża bħala "hearsay" evidence u għalhekk mhux ammissibili.*

Il-Qorti, rat ir-rikors preżentat mill-attur fit-tmienja (8) ta' Mejju, 1963, kif ukoll ir-risposta preżentata mill-konvenut fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 1963, dwar l-inċident li nqala' fis-seduta miżmuma quddiem il-Perit Legali, Avukat Dr. Paolo Borg Grech, fis-6 ta' Mejju, 1963;

Rat il-proċess verbali ta' dik is-seduta;

Semgħat lill-Avukati tal-partijiet u l-istess Perit Legali fl-udjenza tagħha tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru, 1963 u tal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi l-inċident miġjub quddiem il-Qorti, u li minħabba fih dik is-seduta ġiet sospiża jirrigwarda dik il-parti tad-depożizzjoni tal-konvenut quddiem il-perit legali fejn huwa kien qiegħed igħid li meta, ftit qabel il-pussess tiegħu bħala Kap-

pillan tal-Parroċċa ta' San Bastjan, f'Ħal Qormi, huwa talab lill-banda tal-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun biex tmur iddoqq fis-soltu korteo (u dana stante r-rifjut li kien irċieva mill-banda Pinto ta' Ħal-Qormi) irċieva xi telefon mill-Istitut li lanqas din il-banda ma kienet sejra tieħu parti għaliex kienu telgħu xi tletin ruħ mir-raħal biex jimminaċċjaw li jekk il-banda tieħu sehem ikissrulhom l-istrumenti;

Illi skond l-artikolu 559(2) tal-Proċedura Ċivili, stante li si tratta ta' sempliċi riġett ta' domanda waħda, l-attur huwa ntitolat biss għall-verbal, imma l-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi huwa aħjar li l-inċident jiġi regolat b'digriet li hija dejjem għandha il-poter tagħti;

Illi taħt ċertu aspett il-prova ta' dan il-fatt tista' tkun rilevanti għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, ċioè l-ġusta kawża minnu allegata għal-liċenzjament tal-attur mix-xogħol ta bennej tal-Knisja, konsistenti fl-allegazzjoni li l-attur xewwex kontra l-konvenut fil-Parroċċa fejn huwa għandu l-kura tal-erwieħ;

Illi l-liġi ta' Malta u l-prattika tal-Qrati Maltin in materja ta' "hearsay" mhumiex tant stretti daqs il-liġi u l-prattika Ingliża, u dana mhux mingħajr ċertu ġustifikazzjoni bażata fuq l-affidament fil-prudenti apprezzament tal-ġudikant tal-kwalità sekondarja ta' prova ta' din in-natura, imma r-regola ġenerali, dik espressa fl-ewwel inċiż tal-artikolu 597 Kodiċi Proċedura Ċivili, hija li d-"dictum de dicto" ma għandux jitqies u għalhekk ikun irrilevanti u bħala tali ma għandux jiġi ammess bħala prova;

Illi fil-prattika ġie li jsir anke taħt l-artikolu 597 fuq imsemmi li l-"hearsay" jiġi ammess sempliċement u mhux bħala prova konklussiva in linea ta' introduzzjoni għal dak li t-terz magħruf u produċibili ikun hu stess sejjer jiddeponi

*Illi però fil-każ in ispecie il-persuna fid-direzzjoni* tal-Istitut li suppost għamel it-telefon lill-konvenut ma kienx (apparti ċ-ċirkostanza tal-mewt tiegħu, li sejra tissemma 'l quddiem) produċċibili bħala xhud, għaliex mhux dikjarat. Skond verbal reġistrat fl-atti, l-attur, oppona ruħu għall-produzzjoni ta' dan ix-xhud, u l-Qorti lanqas ma kienet tkun tħossha ġustifikata li tammettieh, kieku baqa' ħaj, la darba kif huwa ċar il-fatt kien konoxxut mill-konvenut minn qabel il-preżentata tad-dikjarazzjoni tiegħu;

Illi però llum hija immaterjali l-konsiderazzjoni ulterjuri ta' x'kienet tkun il-pożizzjoni kieku l-persuna li għamlet it-telefon lill-konvenut kienet għadha ħajja, għax b'nota ppreżentata fir-reġistru fit-tlieta (3) ta' Diċembru, 1963, il-konvenut iddikjara li dik il-persuna kienet ir-Reverendu Saċerdot Dun Giuseppe Spiteri u li huwa miet f'Awissu tal-1959.

*Illi mentri skond l-artikolu 597 tal-Kodiċi tal-Proċedura* Ċivili, ir-regola hija dik ta' l-esklużjoni tat-testimonjanza "de auditu", l-artikolu 598, bħala eċċezzjoni jissanċixxi l-ammissjoni ta' tali prova, skond iċ-ċirkostanzi u fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta l-kliem ta' ħaddieħor ikollu fih innifsu mportanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawża jew jifforma parti minnu, jew meta t-terz mhuwiex produċibili u l-fattijiet ikunu tali li ma jistgħux jiġu ippruvati, sewwa xort'oħra, l-aktar fil-każijiet *hemm imsemmija* bħal ma huwa dak tal-mewt;

Illi fis-sentenza tagħha tas-seba' u għoxrin (27) ta' Marzu, 1936 fl-ismijiet Francesco Seychell versus Antonio Seychell et" l-Onorabili Qorti tal-Appell waqt li infasizzat iċ-ċirkospezzjoni kbira li għandu juża l-ġudikant qabel ma jaċċetta l-prova "de auditu" bħala konkludenti meta hija tkun eċċezzjonalment riċevibbili, ammettiet il-prova tal-kliem ta' żewġ persuni mejtin, ċioè ta' dak li kienu qalu lin-Nutar li ppubblika l-att u waħda mill-partijiet, f'azzjoni ta' simulaz-

zjoni ta' kuntratt ta' permutà, iżda ċ-ċirkostanzi li dina l-Qorti għandha quddiemha fil-każ preżenti huma, fil-fehma tal-Qorti, ben differenti u dak li jrid jipprova l-attur bir-relazzjoni ta' x'qallu r-Reverendu Spiteri ma jirrigwardax xi ħaġa li dan kien għamel privatament jew li huwa talvolta kellu f'moħħu li jagħmel u li ma jistax jiġi pruvat xort'oħra, anzi jirrigwarda fatt materjali u estern li għadd pjuttost rilevanti ta' nies kienu effettivament telgħu minn Ħal-Qormi għall-Hamrun biex jieddu lill-banda tal-Istitut ħalli ma ddoqqx fl-okkażjoni tal-pussess tal-konvenut, fatt li għalih il-konvenut għandu ħafna mezzi ta' prova oħrajn; u jekk huwa tilef, l-opportunità fid-dikjarazzjoni dan huwa unikament ħtija tiegħu u l-Qorti ma tħossx li jkun ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tippermetti l-provi ta' dak il-fatt b'sempliċi "dictum de dicto".

Illi mentri l-konvenut issottometta wkoll li dak li huwa ried jixhed fuqu mhuwiex "hearsay" il-Qorti tirritjeni li fuq dan ma għandux ikun hemm kwistjoni; l-inċident tat-tletin ruħ li suppost marru jeddu l-Istitut mhuwiex fatt li l-konvenut jafu għax rah jew semgħu hu stess imma fatt li jaf bih unikament għax qallu bih ħaddieħor, u dan huwa "hearsay";

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċiedi l-inċident miġjub bir-rikors fuq imsemmi billi tordna lill-perit legali:—

a. Jammetti l-prova li l-konvenut irrivolġa ruħu lejn l-Istitut ta' San Ġużepp biex jottjeni l-attendenza tal-Banda fil-pussess tiegħu u li in segwitu rċieva telefon minn għand ir-Reverendu Spiteri llum mejjet, li l-Banda ma kienetx sejra tieħu parti;

b. Jeskludi l-prova ta' x'qallu l-istess Reverendu Spiteri, dwar x'għamlu dawk il-persuni li suppost marru jheddu lill-Istitut u dan bla preġudizzju tad-dritt tal-konvenut li jġib provi oħrajn permissibili skond

il-liġi dwar dak li effettivament sar, minn dawn in-nies, jekk qatt sar, u dana in kwantu dak li sar jista' jkun rilevanti għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u konness direttament jew indirettament ma fatti ta' tixwiex kontra l-konvenut pruvati a kariku tal-attur.

Li spejjeż ta' dana l-inċident jibqgħu definitivament a karigu tal-konvenut. Il-Qorti tawtorizza lill-Perit Legali biex jirtira l-proċess verbali tas-seduti mir-Reġistru u tordnalu biex ikompli mingħajr dewmien fl-espletament tal-inkarigu lilu afdat minn din il-Qorti.